

Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar “Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni biex tiġi żgurata konnettività bażika fl-ajru fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni”

(COM(2018) 893 final — 2018/0433 (COD))

(2019/C 190/07)

Relatur ġenerali: **Jacek KRAWCZYK**

Konsultazzjoni	Il-Parlament Ewropew, 14.1.2019 Il-Kunsill, 14.1.2019
Bażi legali	L-Artikoli 100(2) u 304 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
Sezzjoni kompetenti	Sezzjoni Speċjalizzata għat-Trasport, l-Enerġija, l-Infrasuttura u s-Soċjetà tal-Informazzjoni
Deċiżjoni tal-Bureau	22.1.2019
Opinjoni adottata fil-plenarja	20.2.2019
Sessjoni plenarja Nru	541
Riżultat (favur/kontra/astensjonijiet)	77/1/0

1. **Konklużjonijiet u rakkomandazzjonijiet**

1.1. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) konsistentement enfasizza l-importanza u d-daqs taż-Żona Unika Ewropea tal-Avjazzjoni bħala katalist għat-ktabbir ekonomiku, il-prosperità u biex tinżamm il-kompetittività internazzjonali tal-Ewropa. Ladarba tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni tar-Renju Unit li ma jibqax membru tal-Unjoni Ewropea (Brexit), is-setturi kollha tal-ekonomija tar-Renju Unit mhux ser jibqgħu parti integrali tas-suq uniku Ewropew; is-settur tal-avjazzjoni tiegħu mhux ser jibqa’ jibbenefika minn, u jikkontribwixxi għaż-Żona Unika Ewropea tal-Avjazzjoni.

1.2. Il-valutazzjoni tal-impatt tal-Brexit fuq it-traffiku tal-ajru importanti bejn l-UE u r-Renju Unit ser tiddependi fuq il-kapaċità tar-Renju Unit u tal-istituzzjonijiet tal-UE li jadottaw malajr il-miżuri regolatorji xierqa biex jiġu żgurati livelli għolja ta’ kompetittività bejn l-UE27 u s-setturi tal-avjazzjoni tar-Renju Unit.

1.3. F’xenarju – dejjem aktar probabbli – ta’ “l-ebda Ftehim dwar il-Ħruġ”, il-leġislazzjoni tal-UE, b’mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾, ma tibqax tapplika għas-servizzi tal-ajru bejn ir-Renju Unit u l-UE. Dan joħloq inċertezza legali u jipperikola l-istabbiltà tal-ippjanar u l-konnettività kontinwa għas-servizzi bejn ir-Renju Unit u l-UE.

1.4. Ir-Regolament propost tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni li jiżguraw konnettività bażika fl-ajru fir-rigward tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq mill-Unjoni (Regolament) huwa soluzzjoni temporanja u pjan ta’ kontinġenza biex jitnaqqas l-impatt ta’ Brexit mhux mistenni. Il-miżuri proposti huma l-uniku mod realistiku biex jittaffew il-konsegwenzi negattivi serji possibbli li huma mistennija għas-settur tal-avjazzjoni, jekk il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jkunx irratifikat qabel id-29 ta’ Marzu 2019.

1.5. Ir-Regolament ser jipprovi aktar żmien biex il-Kummissjoni u l-gvern tar-Renju Unit jinnegozjaw ftehim komprensiv dwar is-servizzi tal-ajru, li mbagħad isir il-qafas regolatorju għall-avjazzjoni bejn l-UE u r-Renju Unit. Ser jipprovi wkoll sabiex tinżamm il-konnettività bażika fl-ajru bejn l-UE u r-Renju Unit fil-frattemp.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta’ l- 24 ta’ Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta’ servizzi ta’ l-ajru fil-Komunità (Riformulazzjoni) (Test b’rilevanza għaż-ŻEE) (ĠUL 293, 31.10.2018, p. 3).

1.6. In-negozjati dwar ftehim dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-UE u r-Renju Unit ser ikollhom jitwettqu mingħajr dewmien biex tiġi stabbilita bażi legali għal kompetizzjoni robusta tal-ajru bejn it-trasportaturi taż-żewġ partijiet. Il-KESE huwa lest li jipprovdi l-kontributi meħtieġa mill-partijiet interessati tas-soċjetà ċivili organizzata mill-UE-27. Fl-interess tal-ekonomija Ewropea, iċ-ċittadini u l-ħaddiema tagħha, il-KESE jħeġġeġ lill-UE u lir-Renju Unit jadottaw ftehim komprensiv dwar is-servizzi tal-ajru mill-aktar fis possibbli bħala l-unika bażi legali għal suq tal-avjazzjoni miftuħ u kompetittiv.

1.7. Wara li r-Renju Unit ressaq applikazzjoni skont l-Artikolu 50 biex itemm is-sħubija tiegħu fl-UE, il-Kummissjoni żviluppat strateġija koerenti ta' negozjati u implimentatha b'mod konsistenti u trasparenti bl-approvazzjoni sħiħa u mhux maqsuma tal-istitutzzjonijiet kollha tal-UE ⁽²⁾. Il-KESE jfaħħar lill-Kummissjoni Ewropea, lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri għall-unità tagħhom. Li jittieħed approċċ magħqud huwa fl-interess taċ-ċittadini tal-UE. Dan jgħodd ukoll għal dak li jirrigwardja s-settur tal-avjazzjoni ċivili.

1.8. Il-KESE jappoġġja l-enfasi tar-Regolament propost bħala miżura ta' kontinġenza biex tiġi żgurata l-konnettività bażika fl-ajru, peress li r-Regolament ma jstax jitqies bħala estensjoni tar-Regolament 1008/2008, jew saħansitra bħala Ftehim dwar il-Ħruġ unilaterali. Id-drittijiet li jinsabu fir-Regolament propost huma ġustament limitati fiż-żmien u l-iskop. Il-limitazzjoni tal-opportunitajiet kummerċjali għal servizzi tat-tielet u r-raba' libertà bejn l-UE u r-Renju Unit hija loġika u konsistenti. Aktar opportunitajiet kummerċjali għal-linji tal-ajru tal-UE u tar-Renju Unit għandhom ikunu s-suġġett ta' negozjati dwar ftehim futur dwar is-servizzi bejn l-UE u r-Renju Unit.

1.9. Sabiex jiġu żgurati l-konnettività bażika u l-kompetizzjoni ġusta, ir-Regolament propost fih diversi kriterji u proċeduri, bħal limitu fuq il-frekwenzi fil-livell tal-istaġuni tas-sajf u tax-xitwa tal-IATA ⁽³⁾, il-kunċett tal- "ekwivalenza" tad-drittijiet ⁽⁴⁾, u d-dritt tal-Kummissjoni li tnaqqas, temenda jew tirrevoka d-drittijiet ⁽⁵⁾. Il-KESE jirrakkomanda li – biex jiġu riflessi aħjar il-kundizzjonijiet attwali tas-suq – il-perjodu ta' referenza għandu jintemm fid-29 ta' Marzu 2019 (l-istaġun kollu tal-IATA tas-Sajf u tax-Xitwa 2018/2019).

1.10. Fid-dawl tal-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali ta' dan ix-xenarju tal-agħar każ, huwa kruċjali li l-Kummissjoni tiżviluppa mekkaniżmu ta' monitoraġġ trasparenti u mill-qrib. Tali mekkaniżmu għandu jipprevedi wkoll kooperazzjoni mill-qrib bejn il-Kummissjoni u l-imsieħba soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili qabel u matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, u waqt li jiġi nnegozjat ftehim ġdid dwar is-servizzi tal-ajru. Monitoraġġ bħal dan għandu jinkludi wkoll il-protezzjoni tal-passiġġieri, il-ħaddiema u l-istandards ambjentali.

1.11. Fil-fehma tal-KESE, ħaddiema tal-avjazzjoni mir-Renju Unit għandhom iżommu d-drittijiet tagħhom mil-leġislazzjoni tal-UE fir-rigward ta', fost l-oħrajn, il-ħinijiet tax-xogħol għall-ekwipaġġ, l-aġenzija temporanja, il-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir, id-direttiva dwar it-trasferiment tal-impriżi u oħrajn sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwi lejn trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni.

2. Kummenti ġenerali

2.1. Bażi legali għall-provvista ta' servizzi tal-ajru fi ħdan l-UE

Kif spjegat fil-Memorandum ta' Spjegazzjoni ⁽⁶⁾, l-istati sovrani jorganizzaw it-trasport bl-ajru permezz ta' ftehimiet bilaterali dwar is-servizzi tal-ajru. Madankollu, wara l-liberalizzazzjoni tat-trasport bl-ajru fi ħdan l-UE, il-libertà għat-trasportaturi bl-ajru tal-Istati Membri biex jipprovdu servizzi tal-ajru fi ħdan l-UE hija bbażata esklussivament fuq ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008. Dan ir-Regolament jistabbilixxi wkoll ir-regoli biex tingħata liċenzja lil dawk it-trasportaturi. Fin-nuqqas ta' ftehim ta' ħruġ, is-servizzi bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri ma jibqgħux irregolati minn dan ir-Regolament, u għalhekk, mit-30 ta' Marzu 2019, ma jkun hemm l-ebda bażi legali għall-provvista ta' servizzi bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri mit-trasportaturi rispettivi. Barra minn hekk, it-trasportaturi tar-Renju Unit jitilfu l-liċenzja operattiva tal-Unjoni.

⁽²⁾ COM(2018) 556 final/2; COM(2018) 880 final

⁽³⁾ COM(2018) 893 final, Artikolu 3 II.

⁽⁴⁾ COM(2018) 893 final, Artikolu 4.

⁽⁵⁾ COM(2018) 893 final, Artikolu 4 u Artikolu 5.

⁽⁶⁾ COM(2018) 895 final.

Għalkemm l-istati jistgħu japprovaw l-iskedi tat-titjiriet ippreżentati minn linji tal-ajru magħżula għal staġun ta' titjiriet fuq il-bażi ta' korteżija u reċiproċità, dawn l-approvazzjonijiet ad hoc ma jipprevedu ebda stabbiltà tal-ippjanar, u jagħtu lok għal piżijiet amministrattivi li bilkemm jistgħu jiġu ġestiti fil-każ ta' titjiriet bejn ir-Renju Unit u l-Istati Membri tal-UE, kif ukoll il-kwistjoni legali pjuttost kontroversjali dwar jekk l-UE żżommx drittijiet esklussivi biex tinneogzja t-termini ta' ftehim dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-UE u r-Renju Unit li fin-nuqqas tiegħu l-Istati Membri ma jkunx jistgħu legalment japprovaw l-ebda titjira. Għal servizzi tal-ajru bejn l-UE u r-Renju Unit huwa għalhekk essenzjali li tinholq bażi legali biex is-servizzi joperaw wara d-29 ta' Marzu 2019.

2.2. Ftehim ta' ħruġ – konsegwenzi għall-avjazzjoni

L-UE u r-Renju Unit innegozjaw Ftehim dwar il-Ħruġ li jinkludi miżuri li għandhom jittieħdu biex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni tar-Renju Unit mill-istatus ta' Stat Membru għal dak ta' pajjiż terz mhux membru tal-UE. Dan il-ftehim jaffettwa s-setturi ekonomiċi kollha. Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit ikun soġġett kemm għal-liġi eżistenti tal-UE kif ukoll għal-liġi tal-UE li tidħol fis-seħħ matul il-perjodu ta' tranżizzjoni; madankollu, ir-Renju Unit ma jkollux rwol attiv fil-proċess tat-tehdid tad-deċiżjonijiet tal-UE, inklużi dawk imwettqa minn aġenziji tal-UE bħall-EASA. Dan ikompli sakemm jiġi konkluż ftehim ġdid dwar is-servizzi tal-ajru bejn ir-Renju Unit u l-UE²⁷.

2.2.1. Ftehimiet internazzjonali konklużi mill-UE

Aktar minn 750 ftehim internazzjonali li daħlet għalihom l-UE f'isem l-Istati Membri jista' jkollhom bżonn jiġu replikati mir-Renju Unit wara l-Brexit. Dawn jinkludu diversi ftehimiet relatati mal-avjazzjoni, b'mod partikolari l-ftehim komprensiv dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-UE u l-Istati Uniti li r-Renju Unit ser jieqaf jibbenefika minnu. Kull meta l-UE kkonkludiet ftehim dwar is-servizzi tal-ajru fuq il-bażi ta' kompetenza esklussiva, ir-Renju Unit mhux ser jibqax jibbenefika minn dak il-ftehim meta dan ma jibqax Stat Membru tal-UE. Kull meta ftehim konkluż abbażi ta' kompetenza *mħallta* jagħti benefiċċji lil "Stati Membri tal-UE", ir-Renju Unit bl-istess mod mhux ser ikun aktar benefiċjarju. L-UE timpenja ruħha fil-ftehim dwar il-Ħruġ li tinnotifika lill-partijiet internazzjonali kollha fil-ftehimiet tas-servizzi tal-ajru tal-UE li huma għandhom jittrattaw lir-Renju Unit bħala Stat Membru tal-UE matul il-perjodu ta' tranżizzjoni. Madankollu, huwa f'idejn il-parti terza li tiddetermina jekk hijiex ser tagħmel dan; il-ftehim dwar il-Ħruġ ma għandu l-ebda effett vinkolanti fuq partijiet terzi biex ikomplu japplikaw benefiċċji għar-Renju Unit wara d-29 ta' Marzu 2019.

2.2.2. Fir-rigward tal-manutenzjoni, it-tiswija u r-rikondizzjonar, il-manifattura tal-avjazzjoni, il-faċilitajiet ta' tiswija kif ukoll l-istandards tas-sigurtà, dawn l-aspetti huma indirizzati f'opinjonijiet oħra tal-KESE – TEN/688 "Is-sikurezza fl-avjazzjoni wara l-Brexit".

3. Regolament propost

3.1. Kuntest

Biex tittaffa l-possibbiltà ta' interruzzjonijiet serji fit-traffiku tal-ajru bejn l-UE u r-Renju Unit fix-xenarju fejn ma jkunx hemm Ftehim dwar il-Ħruġ irratifikat, il-Kummissjoni adottat żewġ proposti għal Regolament:

— Proposta dwar regoli komuni biex tiġi żgurata konnettività bażika fl-ajru fir-rigward tal-Brexit (COM (2018) 893 final – 2018/0433 (COD)), li hija s-suġġett ta' din l-opinjoni, u

— Proposta dwar ċerti aspetti tas-sikurezza tal-avjazzjoni fir-rigward tal-Brexit (COM (2018) 894 final – 2018/0434 (COD))⁽⁷⁾.

Il-miżuri adottati jirrappreżentaw kwistjonijiet ta' urġenza f'oqsma speċifiċi tal-liġi tal-Unjoni fin-nuqqas tal-ftehim dwar il-Ħruġ. In-numru limitat ta' miżuri proposti għandhom jitqiesu bħala sforzi ta' protezzjoni eċċezzjonali ta' interess vitali għall-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadini tagħha f'xenarju bħal dan.

B'mod partikolari, il-Kummissjoni tenfasizza li dawn la għandhom ikunu replika ta' benefiċċji tas-sħubija fl-UE, u lanqas it-termini tal-perjodu ta' tranżizzjoni previst. Il-miżuri ser jiġu adottati b'mod unilaterali mill-UE (il-possibbiltà li tirrevokahom f'kull ħin), u huma applikati limitazzjonijiet ta' żmien speċifiċi għas-settur għall-miżuri. Barra minn hekk, id-diviżjoni minquxa tal-kompetenzi għandha tiġi rrispettata, u l-miżuri nazzjonali għandhom ikunu konformi mal-liġi tal-UE. Fl-aħħar nett, ma għandhomx jiffunzjonaw bħala rimedju għal nuqqas ta' miżuri ta' tħejjija jew azzjoni f'waqtha.

(7) Opinjonijiet tal-KESE dwar Is-sikurezza tal-avjazzjoni wara l-Brexit, TEN/688 (Ara paġna 37 fil-ĠU).

3.2. Il-miżuri proposti

3.2.1. Il-proposta għal Regolament tfittex li tiżgura – għal perjodu ta' 12-il xahar – konnettività bażika fl-ajru bejn ir-Renju Unit u l-UE. Il-proposta tagħti lill-operaturi tar-Renju Unit drittijiet tat-traffiku biex itiru fuq it-territorju tal-UE mingħajr ma jinżlu, jagħmlu waqfiet fit-territorju tal-UE għal skopijiet mhux tat-traffiku, u jipprovdu konnessjonijiet diretti bejn it-territorju tar-Renju Unit u tal-UE, irrispettivament minn jekk is-servizzi humiex għall-passiġġieri jew merkanzija, skedati jew mhux skedati ⁽⁸⁾. B'mod partikolari, huwa propost li l-kapaċità għat-titjiriet tkun limitata fil-frekwenzi ta' qabel il-Brexit tal-istaġuni tax-xitwa u tas-sajf tal-IATA tal-2018 ⁽⁹⁾.

3.2.2. Id-drittijiet mogħtija lit-trasportaturi tar-Renju Unit barra minn hekk jiddependu fuq l-aderenza għall-prinċipju tal-“ekwivalenza tad-drittijiet”, li essenzjalment jinvolve li l-Kummissjoni ser timmonitorja jekk it-trasportaturi tal-Unjoni jingħatawx drittijiet ekwivalenti *de jure u de facto* għal dawk li t-trasportaturi tar-Renju Unit ser jirċievu skont ir-Regolament propost. Jekk dan ma jkunx il-każ, jew jekk il-livell ta' drittijiet ivarja bejn l-operaturi, huwa fid-diskrezzjoni tal-Kummissjoni li timponi restrizzjonijiet ulterjuri fuq il-kapaċità, titlob lill-Istati Membri biex jirrifjutaw, jisspendu jew jirrevokaw l-awtorizzazzjonijiet tal-operat, jew jadottaw miżuri xierqa oħra ⁽¹⁰⁾. L-istess restrizzjonijiet jistgħu jiġu applikati mill-Kummissjoni f'każijiet fejn jinstab li ma tkunx żgurata kompetizzjoni ġusta, pereżempju jekk ir-Renju Unit jipprovdi sussidji lit-trasportaturi tagħhom, jew jekk issir diskriminazzjoni kontra t-trasportaturi tal-UE ⁽¹¹⁾.

3.2.3. Barra minn hekk, ir-Regolament propost fih rekwiżiti biex jinkisbu awtorizzazzjonijiet operattivi mill-Istati Membri ⁽¹²⁾, is-sottomissjoni ta' pjani u skedi operattivi lill-awtoritajiet fl-Istati Membri kkonċernati ⁽¹³⁾, il-kondizzjonijiet għar-rifjut, ir-revoka, is-suspensjoni jew il-limitazzjoni tal-awtorizzazzjoni ⁽¹⁴⁾, kif ukoll biex jiġi żgurat rikonossiment kontinwu ta' ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà, ċertifikati tal-kompetenza, jew liċenzji maħruġa mir-Renju Unit ⁽¹⁵⁾.

4. Osservazzjonijiet speċifiċi

4.1. Friża tal-kapaċità

4.1.1. Il-partijiet interessati Ewropej ma kellhomx l-istess fehma dwar il-ħtieġa li jiġi impost limitu massimu fuq il-kapaċità li għandha tiġi offruta ⁽¹⁶⁾. L-argument ewlieni sabiex jitneħħa l-limitu massimu huwa t-tkabbir tas-suq mistenni ta' 6 % fis-snin li ġejjin.

4.1.2. Madankollu, il-KESE jaqbel mal-Kummissjoni li l-għan ta' dan ir-Regolament mhuwiex li jestendi l-applikabilità tar-Regolament 1008/2008 u li jiżgura Suq Uniku Ewropew tal-Avjazzjoni *de facto* li jiffunzjona kompletament. Bħala Regolament li jkopri l-frekwenzi u għalhekk il-kapaċità offruta, fil-fatt jintervjeni fid-dinamika tas-suq. Madankollu, minħabba l-Brexit, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe miżura oħra approvata bħal Ftehim dwar il-Ħruġ, hija meħtieġa azzjoni urġenti. Ir-Regolament għandu għalhekk jitqies fil-kontest tal-inkapaċità politika li jiġi adottat Ftehim dwar il-Ħruġ xieraq li jestendi l-bażi legali għal żmien limitat filwaqt li jimpenja lir-Renju Unit biex jadotta miżuri bħala pajjiż terz; mingħajr dan il-Ftehim dwar il-Ħruġ, is-setturi ekonomiċi kollha, b'mod partikolari l-avjazzjoni, jiffaċċjaw tfixkil serju.

4.1.3. Il-kapaċità li għandha tiġi offruta permezz ta' dan ir-Regolament għalhekk mhijiex riflessjoni ta' suq li jiffunzjona, iżda riflessjoni ta' miżura urġenti ta' kontinġenza. Mingħajr dan ir-Regolament, it-trasportaturi tar-Renju Unit jirriskjaw serjament li l-liċenzja tal-operat tagħhom tal-UE tiġi rrevokata. Bir-Regolament, tista' tiġi żgurata konnettività bażika fl-ajru. Barra minn hekk, il-limitu massimu jipprovdi ċertezza għall-Istati Membri peress li l-ebda Stat Membru ma jista' japprova frekwenzi addizzjonali, u l-bażi li fuqha tista' tittieħed azzjoni ta' rimedju possibilmment meħtieġa hija ċara bl-istess mod. Il-limitu massimu fuq il-frekwenzi jenfasizza n-natura ta' kontinġenza kemm temporanja kif ukoll urġenti tar-Regolament. Biex jiġu riflessi aħjar il-kundizzjonijiet attwali tas-suq, il-perjodu ta' referenza għandu jintemm fid-29 ta' Marzu 2019 (l-istaġun kollu tal-IATA tas-Sajf u tax-Xitwa 2018/2019). Ser jidħol fis-seħħ matul iż-żmien meħtieġ biex jintlaħaq qbil dwar ftehim ġdid dwar is-servizzi tal-ajru, massimu ta' 12-il xahar.

⁽⁸⁾ COM(2018) 893 final, Artikolu 3(1)

⁽⁹⁾ COM(2018) 893 final, Artikolu 3(2)

⁽¹⁰⁾ COM(2018) 893 final, Artikolu 4

⁽¹¹⁾ COM(2018) 893 final, Artikolu 5

⁽¹²⁾ COM(2018) 893 final, Artikolu 6

⁽¹³⁾ COM(2018) 893 final, Artikolu 7

⁽¹⁴⁾ COM(2018) 893 final, Artikolu 8

⁽¹⁵⁾ COM(2018) 893 final, Artikolu 9

⁽¹⁶⁾ COM(2018) 893 final – 2018/0433 (COD)

4.1.4. Il-KESE jappoġġja l-limitu massimu limitat biż-żmien fuq frekwenzi, li jenfasizza n-natura provviżorja u mmirata ta' kontinġenza tal-miżura. Madankollu, fl-interess tal-ekonomija Ewropea u l-ħaddiema tagħha, il-KESE jħeġġeġ lill-UE u lir-Renju Unit jado ttaw ftehim komprensiv dwar is-servizzi tal-ajru mill-aktar fis possibbli bħala l-unika bażi legali għal suq tal-avjazzjoni miftuħ u kompetittiv.

4.2. *Estensjoni għall-ftehimiet tal-kondiviżjoni ta' kodiċi (code-sharing) u tal-kiri*

4.2.1. Il-KESE huwa tal-fehma li l-inklużjoni ta' klawnsoli biex jitkompla l-operat ta' ftehimiet tal-kondiviżjoni ta' kodiċi u tal-kiri taqbeż l-iskop tar-Regolament. Dawn il-ftehimiet kummerċjali ma jistgħux jiġu interpretati bħala li jaqgħu taħt il-kategorija ta' provvista ta' konnettività bażika bejn żewġ partijiet. Il-bażyi legali għal ftehimiet ta' kooperazzjoni kummerċjali bħal dawn tinsab fir-Regolament 1008/2008; jekk tali ftehimiet għandhom jitkomplew, ser ikollhom jiġu inklużi fi ftehim futur komprensiv dwar is-servizzi tal-ajru bejn l-UE u r-Renju Unit.

4.3. *Estensjoni għall-operat tal-ħames libertà (merkanzija)*

4.3.1. Ir-Regolament jipprevedi l-element ewlieni tal-konnettività – servizz tal-ajru bejn żewġ pajjiżi: id-drittijiet tat-traffiku tat-tielet u r-raba' libertà. Ir-Regolament jinkludi wkoll id-drittijiet tekniċi u d-drittijiet tat-traffiku tal-ewwel u t-tieni libertà. Kwalunkwe dritt li jaqbeż il-konnettività bażika bejn żewġ pajjiżi ma jstax jaqa' taħt dan ir-Regolament li ma jfittixx li jipprovdi għal opportunitajiet kummerċjali ġodda, jew saħansitra jestendi l-bażyi legali għall-operati attwali kollha. Il-KESE jemmen li dan ma jkunx konsistenti mal-iskop u r-raġuni fundamentali tar-Regolament propost biex jestendi b'mod provviżorju d-drittijiet tat-traffiku kummerċjali mogħtija b'mod provviżorju lil hinn mid-drittijiet tat-tielet u r-raba' libertà.

4.4. *Implikazzjonijiet għal rekwiżiti ta' sjieda u ta' kontroll*

4.4.1. Il-KESE huwa tal-fehma li r-rekwiżiti ta' sjieda u ta' kontroll tar-Regolament 1008/2008 ma għandhomx jiġu modifikati minħabba l-Brexit. Jekk linja tal-ajru tal-UE tkun friskju li tiflew il-liċenzja operattiva tagħha tal-UE wara l-Brexit, ir-Regolament propost għandu jipprevedi perjodu addizzjonali suffiċjenti li jippermetti lil-linja tal-ajru taġġusta l-istruttura tas-sjieda tagħha biex tiġi approvata mill-Kummissjoni.

4.5. *Eżenzjoni mill-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 868/2004 tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill⁽¹⁷⁾ għat-traffiku minn trasportaturi tar-Renju Unit lejn l-UE*

4.5.1. Il-KESE huwa tal-fehma li r-Regolament (KE) Nru 868/2004 għandu jinżamm bħala strument mingħajr ebda eċċezzjoni, peress li dan joħloq preċedent għal applikazzjonijiet futuri ta' dan l-istrument ta' protezzjoni tal-kummerċ. Barra minn hekk, eżenzjoni bħal din mhijetx meħtieġa, peress li r-Regolament innifsu jipprevedi miżuri li jistgħu jiġu attivati, jekk il-Kummissjoni tqis li huma meħtieġa li jinnewtralizzaw atti diskriminatorji kontra t-trasportaturi tal-ajru tal-UE.

4.6. *Klawżola ta' ekwivalenza*

4.6.1. Tqajjem tħassib dwar il-klawżola ta' ekwivalenza, li tippermetti lill-Kummissjoni titlob lill-Istati Membri jirrevokaw jew jillimitaw id-drittijiet tat-trasportaturi tar-Renju Unit biex jipprovdu servizzi. Il-klawsola hija tabilħaqq miftuħa għall-interpretazzjoni, u bl-ebda mod mhuwa fatt li l-Istati Membri kollha ser jinterpretaw din il-klawsola b'mod simili. Il-vantaġġ primarju tagħha huwa li tevita sanzjonijiet awtomatiċi kontra l-linji tal-ajru, u b'hekk tnaqqas il-livell ta' obbligu ta' intervent fis-suq. Minħabba n-natura temporanja tar-Regolament, approċċ pramatiku huwa aktar xieraq minn mekkaniżmu formalistiku ta' ritaljazzjoni b'mod ekwivalenti, b'mod partikolari, kif titlob din il-klawżola.

⁽¹⁷⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 868/2004 tal-Parlament Ewropeu u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li jikkonċerna l-protezzjoni kontra l-issusidjar u l-atti mhux ġusti tal-prezzijiet li jikkawżaw preġudizzju lit-trasportaturi bl-ajru tal-Komunità fil-provvista tas-servizzi bl-ajru minn pajjiżi li ma humiex membri ta' l-Komunità Ewropea (ĠUL 162, 30.4.2004, p. 1).

4.6.2. Il-KESE jirrikonoxxi l-vantaġġi tal-“ekwivalenza tad-drittijiet de facto jew de jure” kif deskritt fl-Artikolu 4 tar-Regolament propost bħala mezz biex jiġu żgurati kompetizzjoni ġusta u kundizzjonijiet ekwi għal-linji tal-ajru li joffru servizzi bejn l-UE u r-Renju Unit. Il-linji tal-ajru tar-Renju Unit, fin-nuqqas ta' Ftehim dwar il-Ħruġ, ma jibqgħux marbuta b'dispożizzjonijiet tal-UE dwar, pereżempju, il-protezzjoni tal-konsumatur, l-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet jew il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat. Madankollu, mhux biss fl-interessi tal-linji tal-ajru, iżda wkoll fl-interess taċ-ċittadin tal-UE li jkun hemm fehim aħjar ta' meta ċerti servizzi jistgħu potenzjalment jintemmu biex tiġi stabbilita ekwivalenza “fattwali jew legali” tad-drittijiet.

4.6.3. Il-KESE għalhekk jirrakkomanda li l-Kummissjoni tiżgura implimentazzjoni armonizzata ta' din il-klawsola b'eżempji potenzjalment aktar speċifiċi ta' sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal ritaljazzjoni mill-UE.

4.7. Fil-fehma tal-KESE, ħaddiema tal-avjazzjoni mir-Renju Unit għandhom iżommu d-drittijiet tagħhom mil-leġislazzjoni tal-UE, speċjalment mid-direttiva tal-ħinjiet tax-xogħol, id-direttiva tal-aġenzija temporanja, ir-regolament tal-limitazzjonijiet fuq il-ħin tat-titjir, id-direttiva dwar il-Kunsill tax-Xogħol Ewropew, id-direttiva dwar it-trasferiment tal-impreżi, eċċ, sabiex jinżammu kundizzjonijiet ekwi lejn trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni.

Brussell, l-20 ta' Frar 2019.

Il-President
tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew
Luca JAHIER